KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## ID-DISA' (9) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Disgħa u Għoxrin (29)***

***It-Tlieta, 12 ta' Mejju, 2026***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 29 li inżammet fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIER STEVEN AXISA

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**29.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

29.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ittra b'apoloġija tal-Kunsillier Steven Axisa fejn informa li ser ikun assenti għal laqgħa. Il-Kunsill approva.

**29.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

29.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 27 li nżammet nhar il-Ħamis 9 ta' April 2026.

29.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 27 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

29.2.3 **Mozzjoni Numru 29-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 27

Proponent: Il-Kunsillier Naomi Mizzi
Sekondant: Il-Kunsillier Jesmond Manicolo

Il-Minuti Numru 27 ġew approvati unanimament.

29.2.4 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja Numru 28 li nżammet nhar il-Ġimgħa 24 ta' April 2026.

29.2.5 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 28 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

29.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li rigward il-ħin tal-Laqgħa tal-Kunsill, il-liġi tistipula li l-Laqgħat isiru wara l-5pm iżda bi qbil unanimu tista' ssir ukoll qabel dak il-ħin stipulat. Apparti dan, din il-Laqgħa kienet laqgħa urġenti imsejħa mis-Sindku għaldaqstant setgħet issir f'ħinijiet differenti.

29.2.6 **Mozzjoni Numru 29-02** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 28

Proponent: Il-Kunsllier Naomi Mizzi
Sekondant: Il-Kunsillier Jesmond Manicolo

Il-Minuti Numru 28 ġew approvati unanimament.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Viċi Sindku Brian Xuereb fis-5:40 p.m.*

## 29.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti

A. ***Skeda ta' Pagamenti : Numru 29(09) – Mejju 2026***

29.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 29(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 12486 sa 12542 kif ukoll cheque bin-numri 7286 sa 7288 li jammontaw €110,621.56

29.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

29.3.3 **Mozzjoni 27-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 29(09)

Proponent: Il-Viċi Sindku Brian Xuereb

Sekondant: Il-Kunsillier Naomi Mizzi

L-iskeda ta' pagamenti numru 29(09) ġiet approvata unanimament.

## 29.4 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2025

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Accountant tal-Kunsill sabiex jagħti spjegazzjoni tal-kontenut tal-Financial Statements 2025*

29.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv stiednet lill-Accountant tal-Kunsill sabiex jagħti l-ispjegazzjoni tal-figuri imniżżla

29.4.2 Wara din l-ispjegazzjoni dettaljata, tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2025 flimkien mal-Management Letter.

Mozzjoni 29-03: Proponent: Il-Viċi Sindku Brian Xuereb

Sekondant: Il-Kunsillier Jesmond Manicolo

L-Audited Financial Statements 2025 flimkien mal-Management Letter ġew approvati unanimament.

## 29.5 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

29.5.1 Is-Sindku Karl Boxall qal li qed jagħmel diskussjonjiet sabiex jibda' jaħdem magħna ħaddiem mill-ERL biex isuq il-vann tal-Kunsill. Is-Sindku nforma wkoll li dan il-ħaddiem jaħdem bix-Shift Allowance, pero' l-Kunsill irid jaħdem mit-Tnejn sal-Ġimgħa Mis-7am sat-3pm, il-ħaddiem in kwistjoni qabel li jibda jaħdem b'dawn il-ħinijiet. Is-Sindku qal li l-aħjar isir forma ta' ftehim miegħu ħalli b'hekk jibda' jsuq il-vann tal-Kunsill minħabba appuntamenti li jkollhom l-anzjani lejn l-Isptar bil-ħinijiet li joffri l-Kunsill. Il-Viċi Sindku Brian Xuereb saqsa jekk meta ma jkunx hemm appuntamenti tal-Isptar jkunx jista' jitqabbad għal xi ħaġa oħra, is-Sindku qal li jista'. Il-Kunsill qabel li jsir dan il-ftehim mal-ħaddiem tal-ERL.

29.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet avviċinata mill-Kappillan jekk jistax jingħata servizz bil-vann tal-Kunsill lill-anzjani biex ikollhom trasport biex jattendu l-quddies tas-Sibt u/jew tal-Ħadd. Il-Kappillan li kien preżenti għal-laqgħa qal jekk hux possibbli li l-vann tal-Kunsill jintuża għal dan l-iskop peress li qed ikollu domanda minn xi anzjani. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li jista' jkun hemm il-possibilta' li dan jiġi offrut darba fil-ġimgħa. Il-Kappillan issuġġerixxa li l-ewwel ser jibda jara x'numru t'anzjani hemm li qed jagħmlu din id-domanda sabiex jiġu l-quddies u wara jiġi deċiż kif din ser tibda topera jekk ikun il-każ. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju.

29.5.3 Is-Sindku Karl Boxall ressaq talba sabiex trakk li jbiegħ l-ikel jingħata l-permess sabiex ibiegħ minn Triq Ħal Tarxien. Huwa talab sabiex titnaddaf iż-żona fejn irid ipoġġi t-trakk u s-Sindku ppropona li tintalab donazzjoni lill-Kunsill. Il-Viċi Sindku Brian Xuereb u l-Kunsillier Noami Mizzi qalu li l-ewwel irid iġib l-approvazzjoni tat-Transport Malta, is-Sindku qal li ser jinfurmah dwar dan.

29.5.4 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar il-ko-ordinament biex tiġi implimentata il-one-way ta' Triq San Filippu u Triq il-Gudja, li din ser tiġi ntrodotta minn Lulju. Is-Sindku nforma li tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex Transport Malta jiġu avżati u wkoll tinbagħat ittra lir-residenti kollha. Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qal li l-aħjar jintbagħatu zewġ ittri lir-residenti u ninfurmaw lill-Transport Malta li fir-rigward ta' bdil ta' tabelli peress li hemm il-kwantita' jgħinuna huma min-naħa tagħhom. Il-Viċi Sindku Brian Xuereb ippropona li l-ewwel ittra tinbagħat fil-bidu ta' Ġunju, lejn nofs Ġunju jiġu implimentati t-tabelli u l-aħħar ittra lir-residenti tinbagħat lejn l-aħħar ta' Ġunju bħala tfakkira. Is-Sindku Karl Boxall ippropona wkoll li ma' din l-ittra terġa' tinbagħat l-ittra tal-iskart. Kunsill qabel.

29.5.5 Il-Kunsillier Stephen Attard tkellem dwar it-*traffic management* ta' Triq Santa Tereża dwar kif ser tiġi d-direzzjoni fejn il-Kunsill qabel li l-aħjar li niddiskutu meta titlesta Triq il-Gistakor. Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qal li ser jinqala' kemm fejn il-Maypole kif ukoll fejn il-Prinċipessa f'Dawret Ħal Għaxaq , allura l-aħjar hu li meta jitlestew ix-xogħolijet kollha naraw kif ser ikun l-andament tat-traffiku. Il-Viċi Sindku Brian Xuereb informa wkoll li ix-xogħol ta' ħdejn il-Maypole ġie approvat minn Transport Malta iżda is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li għad m'hemmx komunikat bil-miktub dwar dan.

29.5.6 Is-Sindku Karl Boxall qal li saret talba sabiex jinġiebu fondi ta' €30,000 mill-Housing Authority sabiex jinbidel ir-*rubber flooring* fil-bandli ta' Dawret Ħal Għaxaq. Is-Sindku nforma li ser jibda jħejji sabiex jibdew jinġiebu kwotazzjonijiet fuq id-dawl, sabiex isir dan it-tisbiħ fi Ġnien Emanuele Vassallo.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attendiet l-Kunsilliera Christine Dalli fis-5:55 p.m.*

29.5.6 Il-Kappillan ġie mistieden biex jitkellem dwar proposta li għandu dwar ġemellaġġ. Huwa informa li bejn il-21 u 26 ta' Settembru li ġej ser itella' grupp f'Valencia fejn qed jitħejja programm sabiex iżuru l-Belt ta' Navarrez. F'din il-Belt, Dun V.Scicluna Hernandez, li kellu dixxendenzi Għaxqin, kien ġie beatifikat. Din iż-żjara, se tkun miftuħa għal komunita' għaxqija bi prezz raġjonevoli. Il-Kappillan qal li tkun opportunita' tajba sabiex l-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq jagħmel diskussjonijiet mal-munċipilta' ta' Navarrez u jsiru xi żjarat, bil-għan li jsir ġemellaġġ peress li hemm konjutazzjonijiet interessanti ma din il-

Belt. Għaldaqstant ippropona sabiex din il-ġita issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali u stieden lill-Kunsilliera biex min jixtieq jattendi jinfurmah dwar dan.

29.5.7 Il-Kunsillier Stephen Attard issuġġerixxa li tintbagħat korrispondenza uffiċjali mill-Kunsill Lokali lill-Ambaxxata Spanjola f'Malta bl-*endorsement* tal-Kappillan, sabiex jigwidawna ma min nistgħu nagħmlu l-kuntatt mill-Muniċipalita' ta' Navarrez. Il-Kappillan qal ukoll li hemm villaġġ ġewwa Navvarez li għandu konnessjonijiet Maltin fejn anke toroq hemm imsemmija għall-persunaġġi Maltin. Il-Kappillan nforma li ser jikteb l-ittra sabiex din tinbagħat lill-Ambaxxata Spanjola f'Malta. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jibdew id-diskussjonijiet għal dan il-Ġemellaġġ.

**29.6 <u>Korrispondenza</u>**

29.6.1 Tressqet korrispondenza rigward *Variations* fit-tender tal-Proġett ta' Triq l-Andar. Dawn jinkludu estensjoni tal-kuntratt ta' Project Green minħabba xi xogħlijiet miżjuda kif ukoll ammont ta' ħlas għal dawn ix-xogħlijiet li ma kienux indikati fit-tender u fil-kuntratt. Il-Kunsill approva.

29.6.2 Tressqet is-sentenza tal-kawża legali li infethet dwar il-kamra tan-Nar ta' Ħal Tarxien fejn il-qorti ċaħdet l-appell tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku Karl Boxall qal li l-Kunsill Lokali prova kif seta' sabiex dan il-permess ma jinħariġx iżda sfortunatament it-talba tal-Kunsill ġiet miċħuda.

29.6.3 Tressqet korrispondenza dwar Ċirkulari SPI/SCI/03/2026 rigward Finanzjament-Milied 2026. Il-Kunsill qabel li japplika bħas-sena l-oħra u jżid il-villaġġ tal-Milied.

29.6.4 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex tingħalaq Triq Santa Marija l-għada tal-elezzjoni minħabba l-armar tal-festa ta' San Ġużepp. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

29.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li dakinhar tal-Elezzjoni Ġenerali, l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali se jkun magħluq. Hija qalet li għal ebda raġuni ma tista' tinfetah il-binja kollha tal-Kunsill kif ukoll l-propjeta' l-ġdida fil-Pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kunsilliera li l-Uffiċini tal-Kunsill kif ukoll l-istaff kollu tal-Kunsill għandu jinżamm 'il bogħod mill-Politika partiġġjana, u m'għandu jsir l-ebda tip ta' propoganda politika mill-binja tal-Kunsill.

29.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-applikazzjoni sabiex ikun offrut trasport lill-anzjani permezz ta' skema maħruġa minn Transport Malta CIMSS 2026. F'dan l-istadju, inġiebu żewġ kwotazzjonijiet sabiex is-servizz jiġi offrut darbtejn kuljum mit-Tnejn sas-Sibt. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju mal-applikazzjoni u jekk ningħataw il-fondi l-Kunsill ikun irid jara kif l-aħjar din tiġi implimentata skond il-proċeduri.

*Il-Kunsillier Stephen Attard talab li jiġi skużat mill-Laqgħa fis-6:40pm.*

**29.7 Traffic Management fi Triq il-Wilġa**

29.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm approvazzjoni kemm għal *one-way* kif ukoll għal *double yellow line* quddiem il-garaxx no 35. Is-Sindku tkellem mar-residenti sabiex jitkompla *double yellow line* u li jifdal isir *motor cycle bay*. Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qal li l-*one-way* saret bi ħsieb għax it-triq ma tippermettix li jgħaddu żewġ karozzi f'direzzjoni opposta. Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qal ukoll li l-arblu li twaħħlet it-tabella tal-*one-way* l-aħjar li jitneħħa u t-tabelli titwaħħal ma' arblu li diġa' hemm għax kien qed jinħareġ xi skart ma' dan l-arblu. Is-Sindku qal li dan l-arblu ser jitneħħa u f'nofs Ġunju jsiru s-sinjali tat-triq. Kunsill qabel.

**29.8 Organizzazzjoni 'Minn Pjazza għall-Pjazza'**

29.8.1. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bħalissa għaddejjin id-diskussjonijiet għat-tħejjijiet ta' dan l-avveniment.

*Il-Kunsilliera Christine Dalli Attard talbet li tkun skużata fis-6:50pm.*

**29.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

29.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat dwar l-ispejjeż relatati ma' Jum Ħal Għaxaq, fejn permezz ta' donazzjonijiet li ġab is-Sindku minn entitajiet u stabbilimenti li sostnew din l-attivita', il-Kunsill seta' jorganizza l-attivitajiet kollha relatati ma dan l-avveniment mingħajr ma intużaw l-fondi tal-Kunsill.

29.9.2 Il-Viċi Sindku Brian Xuereb qal li fi Triq il-15 ta' Frar, 1970, avviċinah resident biex tiġi nstallata camera, rigward it-tabelli u sabiex tiġi installata *road hump* għax qed jibqgħu deħlin vetturi kbar. Is-Sindku Karl Boxall qal li hemm kollox bħala tabelli u xorta qed jgħaddu t-trakkijiet, għaldaqstant issuġġerixxa li tinbagħat ittra lir-residenti sabiex ninfurmawhom li makkinarji kbar ma jistgħux jgħaddu.

**29.10 Mozzjonijiet**

29.10.1 Annessi mal-Minuti.

**29.11 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

29.11.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata it-Tnejn, 15 ta’ Ġunju, 2026, fil-5:30 p.m.

Il-Minuti ġew preparati mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza tas-Sinjura Donna Mallia

Il-Laqgħa ntemmet fit-7:30pm.

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 29**

**Mozzjoni Ref:** 29-01

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati l-Minuti Numru 27

| | |
|---|---|
| **Naomi Mizzi** | **Jesmond Manicolo** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 12 ta' Mejju 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 29**

**Mozzjoni Ref:** 29-02

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati l-Minuti Numru 28

**Naomi Mizzi**
**Proponent**

**Jesmond Manicolo**
**Sekondant**

---

**Data:** 12 ta' Mejju 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 29**

**Mozzjoni Ref:** 29-03

**Mozzjoni:** Biex tiġi approvata l-iSkeda tal-Pagamenti Numru 29

| | |
|---|---|
| **Brian Xuereb**<br>**Proponent** | **Naomi Mizzi**<br>**Sekondant** |

**Data:** 12 ta' Mejju 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 29**

**Mozzjoni Ref:** 29-04

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati l-Audited Financial Statements 2025

**Brian Xuereb**
**Proponent**

**Jesmond Manicolo**
**Sekondant**

**Data:** 12 ta' Mejju 2026

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**